MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 300/2014

**Avukat Dr. James D'Agostino**

**Vs**

**Avukat Dr. Alexander Perici Calascione bhala mandatarju specjali ta' l-assenti Maurizio Sgueglia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur qed jiddikjara l-konvenut noe debitur, u konsegwentement tikkundanah ihallas lill-attur l-ammont ta' sebgha mija, wiehed u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€761.52c), rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur ghan-nom ta' Maurizio Sgueglia in konnessjoni mal-kawzi Lawrence Meilak vs Dr. Michael Caruana u Dr. James D'Agostino noe vs Dr. Chris Said noe, liema ammont baqa' ma thallas nonostante diveri interpelazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2345/13 datata 2 t'Awwissu, 2013 u l-ittri legali tas-7 ta' Jannar, 2013, l-1 ta' Marzu, 2013 u t-8 t'April, 2014 (€29.50 il-wahda), u l-imghax legali mill-20 t'Awwissu, 2008 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-intimat nomine prezentata fl-10 ta' Gunju, 2014 (fol 7) fejn biha qed jammetti t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fl-odjerna kawza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tal-attur fl-ammont ta' sebgha mija, wiehed u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€761.52c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------